# MQABBA LOCAL COUNCIL

**29, PARISH STREET, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt**

Minuti tal-laqgħa pubblika tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar il-25 ta' Jannar, 2013 fis-7:15pm fl-Isptar il-Qadim, Triq San Innoċenzju, l-Imqabba.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Charles Farrugia | Deputat Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| | | |
| | Charlene Zammit | Pubbliku |
| | Karmenu Attard | Pubbliku |
| | Catherine Attard | Pubbliku |
| | | |
| SKUŻATI: | Noel Galea | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |

1. Charles Farrugia fetaħ il-laqgħa billi qal li meta wieħed jara dawn l-aħħar ħames (5) snin ta' Kunsill Lokali, nistgħu nikkonkludu illi ma kellniex *complaints* bejnietna u battibekki. Infatti bdejna bi kważi qbil fuq kull ħaġa li għamilna u wettaqna ħames snin ta' ħidma bil-għan li matul din il-leġislatura jsiru t-toroq kollha; bl-aħħar triq li nksiet parti sostanzjali minnha, tkun propju Triq Valletta – fejn trabba' hu.





2. Hu qal li l-ilment ta' Karmnu Attard, li attenda għal din il-laqgħa flimkien mal-mara tiegħu Kate u l-kandidata prospettiva Ms Charlene Zammit, nafuħ perfettament u minkejja li m'aħniex l-esperti li fil-fatt iddisinjaw din it-triq 4-5 snin ilu, fejn hu iħoss li l-ilment kellu jitressaq dak in-nhar, il-KLM segwa dak propost għaliex minkejja li issa m'hu se nsewwu xejn. Id-Deputat Sindku qal li hu mar waqt ix-xita u ra b'għajnejh dawn id-diffikultajiet ta' volum kbir ta' ilma nieżel 'l isfel lejn il-by-pass.

3. Minkejja li fil-laqgħa tagħna llum ġejna ppreparati biex nagħtu rendikont ta' dak ix-xogħol kollu li sar fl-2012, Charles Farrugia qal li s-Sur Attard jinteressah biss mill-ilment tiegħu; jiġifieri dwar kisi mill-ġdid ta' triq li saret ħames snin ilu. Il-familja Attard qalet illi meta jkollhom l-ilma tax-xita, dan jidħlilhom ġewwa u n-nies stess issuġġerewlhom biex jixtru buz ħalli ma jxarbux il-kalzetti.

4. Is-Sur Attard ressaq ilment ieħor dwar id-deċiżjoni 'lli t-triq tiġi pedonali billi ingħalqet bil-*bollards*. Hu qal li din it-triq ingħalqet propju minħabba fih u għall-ebda skuża oħra. Is-Sur Attard qal li hu kien għamel bank *(park bench)* u jirriżulta li dan beda jdejjaq lin-nies, mentri ilma dieħel fid-dar tiegħu mhu qed idejjaq lil ħadd ħlief lilu. Attard qal li aħjar ma saritx it-triq u baqgħet kif kienet (mhix pedonali.)

5. Charlene Zammit qalet li d-deputat Sindku, jaf x'seta sar biex din il-problema tittaffa' u hija sostnien li llum il-ġurnata hemm x'tagħmel. Pero' dak iż-żmien il-KLM kellu jeżamina l-possibiltajiet kollha ta' x'seta jsir, u llum il-ġurnata lir-residenti ma tlumhomx. Hija rreferiet għal ritratt wieħed li l-KLM hu fil-pussess tiegħu u li kien impoġġi għal wiri fil-laqgħa pubblika li saret is-sena l-oħra taħt it-tinda fil-Pjazza fejn minnu wieħed jista' jasal għal konklużjoni illi skont il-KLM ma kienx hemm wisa' fejn joqgħodu tliet katusi: tad-drenaġġ, tal-ilma tax-xorb u tal-ilma tax-xita.

6. Is-Sinjura Attard qalet illi l-madum li tpoġġa dak iż-żmien mill-KLM sar aħdar bil-ħażiż. Charles Farrugia qal li dan bil-fors iseħħ peress li din it-triq ma tara qatt xemx, għax tinsab fejn qiegħda.



7. Nichola Briffa semma' l-ġiebja li hemm fi Triq id-9 ta' April fejn seta' l-ilma kien direzzjonat għal ġo fiha. Is-SE qal li din meta timtela' toħloq problemi fil-*basements* ta' familji viċin, fosthom fil-maħżen taħt l-art tal-ħanut taż-żebgħa. Nicholas Briffa qal li jemmen li qabel kull proġett kellna nagħmlu konsultazzjoni man-nies u jaħseb li kien nuqqas minn naħa tagħna li dan ma sarx. Charles Farrugia qal li kieku kellna nagħmlu hekk, kieku lanqas nofs it-toroq li għandna lesti ma tlestew, għaliex kulħadd hu ta' opinjoni differenti wieħed mill-ieħor.

8. Is-Sinjura Attard qalet li hija kienet sabet lis-Sindku u dan qalilha li qabel ma ssir it-triq hu kien se jagħmel laqgħa, liema laqgħa ma saret qatt. Hija qalet illi jekk din il-ħaġa mhux se titranġa', se tpoġġi knaten biex tkun tista' tgħaddi minn fuqhom.

9. Paul Spiteri ta spjegazzjoni billi qal illi meta ma kienx hemm it-triq asfaltata kif inhi llum, l-ilma tax-xita kien jiskula fit-terrapien, mentri issa qed jgħaddi jiġri u joħloq dan l-inkonvenjent.

10. Is-Sinjura Attard qalet illi meta marret tkellem lis-SE, hija ħassitha offiża meta qalilha illi hi kienet taf li se tmur toqgħod fil-Matla (u mhux aktar fi Triq Valletta); jiġifieri minn fejn għadda u jibqa' jgħaddi l-wied. Hawn is-SE spjega illi din it-triq hija waħda li minn dejjem kienu jgħaddu volumi kbar ta' ilma li

jaqgħu fiha minn Triq il-Parroċċa, Fjuri, Bażilju, Valletta u Lanġasa. Charles Farrugia qal li jekk se tmur toqgħod fejn l-għajn tal-ħassielin l-Imsida, wieħed ikun jaf fejn se jmur joqgħod u jeżistu dawn id-diffikultajiet naturali.

11. Charles Farrugia qal li fil-verita' nhar l-14 ta' April, 2008, il-KLM iddiskuta l-possibiltajiet jekk din it-triq issirx bit-tarmac, *patterned concrete* jew *paving blocks* u kien wasal għal konklużjoni illi ssir tal-*paving blocks* biex innaqqsu l-possibilta' ta' żlieq u wkoll għaliex il-makkinarju tat-tarmak ma setgħax jidħol f'din it-triq tant dejqa. Hu qal li kieku għamilna *culvert* b'katusi tal-pied għall-ilma tax-xita, ir-residenti xorta kien se jkollhom l-istess problema. Dan għaliex fl-opinjoni tiegħu din tissolva biss jekk tnaqqas mill-ilma tat-toroq li jwaddbu l-ilma tagħhom f'din it-triq. Intant, issa biex tiġi mwettqa l-ħolma ta' katusi tal-ilma tax-xita jridu jinqalgħu il-mejnijiet tal-ilma tax-xorb u dak tad-drenaġġ.



12. Is-Sur Karmnu Attard qal li għaldaqstant ix-xogħol li sar huma flus moħlija, filwaqt li Ms Charlene Zammit qalet illi Charles Farrugia issa ammetta li kull ma sar kien *resurfacing* kosmetiku. Hija qalet illi l-KLM illejla telaq mill-punt illi 'aħniex periti' u issa ammettejna li sar sempliċiment *resurfacing*.

13. Paul Spiteri qal li bi €15,000 li għaddielna l-Gvern Ċentrali biex isir dan il-*culvert,* dan ma stajniex nagħmluh, u dawn il-flus intużaw mill-KLM f'post ieħor. Hawn intqal li l-uniku *culvert* li sar kien fi Triq iż-Żurrieq għaliex kellna triq benniena.

14. Is-Sur Attard allega illi sar xogħol ta' kaf kaf għaliex is-Sindku ma kienx jiġi jara x'hinuma jagħmlu l-ħaddiema tal-Gvern li ċċangaw l-isqaq, għaliex l-ilma tax-xita lanqas biss jinżel minn nofs tal-isqaq iżda jinżel mal-ġenb biswit ir-residenzi.

15. Is-Sinjura Attard ammettiet illi ħadd mill-ġirien ma jaħmilhom lilhom u jsibu ħafna bsaten fir-roti, tant li l-llejla minkejja li kien mistieden kulħadd permezz ta' ittra, ma tfaċċa ħadd.

16. F'dan il-punt kien spjegat illi l-ilma li jinżel fi Triq San Mikiel, jinżel anke minn naħa tal-Knisja għax il-ġwiebi tal-pjazza meta jimtlew jinħoloq l-inkonvenjent illi l-ilma jmur fil-kantini tal-ġirien u għax qlib tiegħu hu tali illi dan mhux kollu jmur lejn Triq K Ciantar.

17. Charles Farrugia qal li biex tagħmel gandott adekwat taħt it-triq trid issib fondi sostanzjali u ħames snin ilu, dawn il-fondi ma kienux disponibbli. Għal dan ix-xogħol kellna biss allokat madwar €40,000 – €50,000 u dan sar mid-Dipartiment tax-xogħlijiet. Hu żied jgħil illi dak iż-żmien il-KLM kien se jmur jissellef loan għax ma kellux finanzi biżżejjed.

18. Ms Attard qalet li r-raġel tagħha ma jimxix normali bħalma nimxu aħna, u ġieli weħlitlu siqu fil-fili tal-madum għaliex dan ma sarx skont is-sengħa.

19. Nicholas Briffa qal li wieħed mis-suġġerimenti li sar, kien li jsir il-*water culvert* biex l-ilma tat-triq jintlaqa' u jiġi ndirizzat. Hu semma' li meta hu kien sindku, kien sar *storm water catchment* fi Triq San Innoċenzju.

20. Charlene Zammit qalet li l-KLM kellu jtaffi din il-problema minkejja li huma mhux jistennew mirakli. Dan għaliex ix-xogħol kollu li sar kien xi ħaġa kosmetika. Hija qalet li l-problema ta' dawn in-nies hi li mhux qed jikkuntentaw billi xi ħadd jagħmlilhom xi ħaġa sabiha fit-triq. Hija tat parir illi jkun kummissjonat studju dwar dan.

21. Hawn is-Sur Attard staqsa lid-Deputat Sindku jekk kienx għadu bil-fossa peress li preżentement fi Triq Valletta, fejn kien joqgħod, qed isir *major patching* mill-Gvern Ċentrali. Id-Deputat Sindku qal li dak iż-żmien hu kien ikkonnettja id-drenaġġ personalment mal-*main sewer*. Id-Deputat Sindku qal illi issa qlajna t-triq u għamilna l-wiċċ. Charles Farrugia hu tal-fehma illi ma jaqbilx mal-bankini telgħin u niżlin minħabba diżlivelli filwaqt li ħadd ma jrid jirranga l-qiegħ tal-*garage* tiegħu.

22. Is-Sur Attard qal illi is-Sur Gilju li joqgħod viċin tiegħu mhux qed ikun jista' jimla l-bir tiegħu mit-triq għaliex issa qalbulu t-triq lejn in-naħa l-oħra. Dan kien qed jagħmlu biex isaqqi l-ġnien tiegħu. Hawn is-Sur Attard qal illi jaħseb illi jekk jagħmel bieb tal-aluminium fuq barra, hu isolvi l-problema tal-ilma tax-xita. Hawn Charles Farrugia qal li jekk qed jaħseb hekk hu lest li jgħin f'dan.

23. Dwar iz-zona pedonali is-Sur Attard staqsa għalfejn qed tingħalaq it-triq bil-bollard tal-ħadid. Hawn Nicholas Briffa qal li bħalma l-KLM qed jagħti l-imfietaħ lil persuna li qed tagħmel xogħol ta' kostruzzjoni f'residenza f'din it-triq, għandna wkoll nagħtu iċ-ċavetta lis-Sur Attard filwaqt li din il-bollard tibqa' magħluqa. Dan għaliex Nicholas Briffa qal li aħna nistgħu nakkomodaw lis-Sur Attard ukoll għax l-ieħor m'għandu xejn aktar milli għandu is-Sur Attard. Dan sabiex is-Sur Attard jingħata l-aċċess biex jidħol bl-affarijiet u jkun jista' jħott, bil-kundizzjoni li t-triq tibqa' kif inhi.

24. Charles Farrugia qal li hu m'għandu l-ebda problema illi s-Sur Attard jingħata l-aċċess, filwaqt qabel mas-Sur Attard li fl-imgħoddi qatt ma kellhom problemi meta huma kienu joqgħodu fi Triq Valletta viċin ommu.

25. Nicholas Briffa qal li jiddispjaċih li ma setax jattendi Noel Galea. Dan fil-waqt illi is-Sur Attard qal illi hu ried jagħmel għatba u lilu ma tawhx permess jagħmilha minkejja li hemm għatba oħra in-naħa l-oħra tat-triq. Is-Sur Attard qal li is-Sindku laqas pjanti (qsari) ma ħallihom jagħmlu, għaliex dik li ħawwel hu kellu jaqlagħha għax kienet qed tostakola.

26. Paul Spiteri qal li jekk issir l-għatba, jista' jkun hemm diffikulta' sabiex sid il-garage ikun ostakolat milli jidħol bil-vettura fl-istess garage u għaldaqstant wieħed irid jara xi jkun qed jiġi propost. Charles Farrugia staqsa "Jekk se ssir l-għatba se jidhol l-ilma xorta? Jew irridu nirranġaw it-triq minn fuq?".

27. Nicholas Briffa qal li llum hu stenna li r-residenti kollha kienu se jattendu għal din il-laqgħa pubblika, imma sfortunatament ħadd ma ġie, minkejja l-maltemp. Hu qal li fil-verita' kieku dawn kellhom xi problema, kieku kienu jattendu lkoll.

28. Bħala konklużjoni għal din il-laqgħa, intqal illi għada pit-għada t-triq xorta trid tinqala' għaliex verament il-wiċċ tagħha ħdar bil-ħażiż peress li din ma tarax xemx u l-*water catchmen*t irid isir minn fuq nett.

29. Nicholas Briffa qal illi din il-leġislatura ormai se tgħaddi bħall-oħrajn u jekk se jsir xi ħġa trid issir fis-sajf li ġej.

30. Il-laqgħa netmmet fit-8:15pm.

Magħmula minn Anthony Bonello
Segretarju Eżekuttiv